**QORTI TAL-MAĠISTRATI MALTA**
**Bħala Qorti ta`Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat**
**Dr. VICTOR GEORGE AXIAK**

**Seduta tat- Traffiku**
**Referenza tal-Każ: TRF-00167-2019-1**
**Il-Pulizija**
**(Spettur SARAH MAGRI)**
**Vs**
**Lenise Zahra (K.I. 153493M)**

Illum, 21 ta' Jannar 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkużi hawn taħt indikati.

Talli fis-7/4/2019 ghal habta ta`23:49hrs bil-vettura Mitsubishi (targata LEN093) ġewwa TRIQ GHAR DALAM,GHAXAQ

[1] Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra bi traskuragni (Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3))
[2] Soqt jew ppruvajt issuq, jew kellek kontroll ta` vettura bil-mutur jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f`post pubbliku iehor waqt li ma kontx f`kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi (Kap 65 Artiklu 15A (1))
[3] Soqt jew ppruvajt ssuq, jew kellek kontroll ta` vettura bil-mutur ohra fit-triq jew f`post pubbliku wara li kkonsmajt tant alkohol li l-proporzjon tan-nifs, tad-demm jew tal-urina tkun izjed mil-limitu preskritt (Kap 65 Artiklu 15B (1))

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna jigi skwalifikata mill-Licenzji kollha taghha tas- sewqan ghal perjodu ta` zmien li l-Qorti jidrilha xieraq

Semgħet ix-xhieda imressqa quddiem il-Qorti u fliet id-dokumenti kollha esebiti.

Semghet it-trattazzjoni da parti tal-abbli difensur tal-imputat u tal-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat illi mill-affidavits ta' PC 1411 Keith Buttigieg, PC 1405 Dylan Gerada u PS 1042 Aaron Caruana, irrizulta illi fuq struzzjonijiet tas-Supretendent tal-Hames Distrett, Josric Mifsud, il-pulizija mill-Ghassa taz-Zejtun ghamlu *roadcheck* gewwa Triq Ghar Dalam, Hal Ghaxaq hdejn "JAIME Petrol Station" u li *inter alia* matul l-istess *roadcheck* huma waqqfu vettura tal-ghamla MITSUBISHI bin-numru ta' registrazzjoni LEN093 li kienet qed tinstaq mill-imputata. Irrizulta mill-istess affidavits illi fir-rigward tax-xufier din *"giet innotata li*

*setghet kienet fi stat ta' sokor, kif ukoll kellha riha ta' alkohol fuqha"* u wara li sarilha t-test tal-*breathalyser* dan irrizulta f'*reading* ta' 55.0ug/100ml.

Ikkunsidrat illi skond l-Artikolu 15I(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, il-limitu preskritt mill-ligi fir-rigward tat-test tal-alkohol tan-nifs – fil-kaz ta' sewqan ta' vetturi li ma' jkunux kummercjali, li ma' jkunux karozzi tal-linja, coaches u vetturi oħra li jġorru passiġġieri bi ħlas u li ma' jkunux qed jinstaqu minn sewwieq li jkollu licenzja tas-sewqan bi prova – huwa ta' 22 mikrogramma ta' alkoħol f'100 millilitru ta' nifs.

Ikkunsidrat illi ghalhekk it-tielet akkuza giet sodisfacentement pruvata.

Ikkunsidrat illi l-htija fuq it-tielet akkuza **necessarjament** iggib maghha ukoll il-htija fuq it-tieni akkuza u dan ghaliex, fir-rigward tat-tieni akkuza l-fatt li persuna tinqabad issuq b'livell ta' alkohol fin-nifs izjed mill-limitu preskritt ikun ifisser illi dik il-persuna ma' kienetx f'kundizzjoni li ssuq minhabba x-xorb.

Ikkunsidrat illi f'dan ir-rigward l-abbli avukat tad-difiza sahaq li skond il-gurisprudenza lokali l-fatt il-htija fuq it-tielet akkuza ma' timportax awtomatikament il-htija fuq it-tieni akkuza u in sostenn ta' dan huwa sussegwentement ipprezenta permezz ta' nota, sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Paul Cefai**" moghtija fit-30 ta' April 2019 (App. Nru. 475/2016 CSH).

Ikkunsidrat illi din il-Qorti kellha cans tifli bir-reqqa kemm is-sentenza citata (u kif ukoll sentenzi ohra fosthom dawk ikkwotati fl-istess sentenza) u ma' tistax ma' tissenjalax illi taqbel mal-insenjament approfondit u mirqum li johrog minnha hlief f'haga wahda biss. Verament huwa l-kaz illi sabiex tinstab htija fuq it-tieni akkuza l-prosekuzzjoni jehtigilha tipprova illi l-kapacita' tas-sewwieq kienet effettivament imnaqqsa u li din il-prova ghandha tkun wahda oggettiva u mhux sempliciment soggettiva (bhal nghidu ahna x-xamma ta' riha tal-alkohol minn xi ufficjal tal-Pulizija). Pero fil-fehma umli ta' din il-Qorti, test tal-*breathalyser* li juri li l-proporzjon tal-alkohol fin-nifs jkun izjed mil-limitu preskritt huwa test oggettiv u konklussiv bizzejjed illi juri li persuna ma' kienetx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb..

Ikkunsidrat illi kif din il-Qorti kif presjeduta qalet fil-kawza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Christian Aquilina"** moghtija fit-12 ta' Novembru 2019: "*Il-limiti preskritti mill-ligi ma' waqghux mis-sema u gew imdahhla mill-legislatur proprju ghaliex kienet l-intenzjoni tieghu illi jgib dawn il-limiti izjed in konformita' ma' dawk ta' diversi Stati Membri ohra tal-UE. Kif intqal matul id-dibattiti parlamentari fid-diskussjoni dwar l-implimentazzjoni taghhom, dawn il-limiti gew stabbiliti abbazi ta' studji xjentifici li wrew li l-indeboliment ("impairment") fis-sewqan jaqbez il-limitu accettabbli fir-rigward tas-sahha u sigurta malli l-livell tal-alkohol jeccedi tali limiti. Dawn il-limiti preskritti mill-ligi ma' jaghmlux distinzjoni bejn is-sewwieqa fuq il-bazi tas-sess, bijologija u fizjologija taghhom u filfatt studji xjentifici kbar (fosthom Moskowitz u Robinson li fl-1988 hargu studju li gabar fih sommarju ta' mija seba' u sebghin studji ohra fuq din il-materja li saru madwar id-dinja) wrew illi rrispettivament mill-fizjologija u sess tal-bniedem, f'diversi kazijiet l-indeboliment jista' jibda sahansitra* ***f'livelli ferm inqas*** *mill-limiti preskritti. Dan ifisser illi sewwieq jista' ma' jkunx f'kundizzjoni tajba li jsuq minhabba xorb anke jekk l-livell ta' alkohol fil-gisem tieghu ma' jaqbizx il-limiti preskritti. Li huwa zgur pero hu illi malli jinqabez tali limitu m'ghandux ikun hemm argumenti dwar il-fatt illi x-xufier* ***ma' jkunx f'kundizzjoni tajba biex isuq****.*"

Ikkunsidrat illi s-sewqan ta' vettura ghandu jitqies bhala privilegg u mhux dritt. Meta cittadin jircievi l-licenzja tas-sewqan tieghu huwa jaghmel hekk bi ftehim tacitu illi sejjer isuq bil-galbu b'mod illi ma' jipperikolax il-hajja tieghu jew ta' haddiehor u in konformita' mal-ligi.

Ikkunsidrat illi fir-rigward tal-ewwel akkuza din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar is-6 ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Alfred Mifsud"**:

*"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat."*

Ikkunsidrat ghalhekk illi galadarba gie ppruvat li s-sewwieq kienet qed issuq b'livell ta' alkohol fin-nifs li jeccedi l-limitu preskritt, dan ifisser ukoll illi s-sewwieq kienet qeghda necessarjament issuq b'mod traskurat ghaliex is-sewqan f'tali cirkostanzi ma' jistax jitqies illi jilhaq il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza.

Ikkunsidrat ghalhekk illi l-akkuzi gew sodisfacentement pruvati sal-grad rikjest mill-ligi. Fir-rigward tal-piena, kif gie deciz mill-Qrati taghna ghalkemm il-ligi taghna ma ssemmiex il-konkors formali jew idejali ta' reati espressament, huma dejjem accettawh u fil-prattika applikawh. Kif inghad mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Jonathan Mizzi"** (moghtija fis-6 ta' Jannar 2005 – 214/2004/JGD):

*"Hu ormai principju stabilit li fejn l-istess fatt , rizultanti mill-istess u l-unika intenzjoni kriminali, jaghti lok ghall-ksur jew vjolazzjoni ta' diversi dispozizzjonijiet tal-ligi, ma jkunx hemm diversi reati distinti minn xulxin izda biss reat wiehed , bir-reati minuri assorbiti fir-reat aktar gravi. (Ara Appelli Kriminali : "Camilleri vs. Cilia et." [2.12.1839]; "Il-Pulizija vs. Cachia" [10.12.1939]; "Il-Pulizija vs. Pace" [28.1.1939] u ohrajn.)"*

Ikkunsidrat dak li qal il-Professur Anthony Mamo fl-Ewwel Parti ta' *"Notes on Criminal Law"* u cioe illi:

*"The first and typical form of this concursus arises where one and the same fact constitutes an offence under two or more provisions of the law. (In such a case) the accused is punished in accordance with the provision establishing the heaviest punishment. Two elements are necessary to constitute this form of ideal concursus i.e. one fact and several violations of the law... Our law makes no explicit mention of this form of ideal concursus: but our Courts have constantly accepted and applied the doctrine. In re: 'Camilleri v. Cilia et (2.XII.1939) the Criminal Court of Appeal said: 'It is a well-established principle of our jurisprudence that where the same fact, resulting from one and the same criminal determination, occasions several violations of law, there are not several distinct offences, but there is only one offence, the smaller violations being merged into the graver violation.' The practical effect of this doctrine is that the accused cannot be punished for the several violations but can only be subjected to the punishment provided for the more serious violation."*

Ikkunsidrat li ghalkemm fir-reati kontemplati f'dawn l-akkuzi ma' hemmx il-htiega ta' "intenzjoni kriminali" madanakollu il-Qorti ma' tarax li b'daqshekk ma' ghandux jigi applikat il-konkors formali tar-reati mhux l-anqas ghaliex dawn ir-reati kollha johorgu minn *actus reus* wiehed.

Ikkunsidrat illi hija l-piena illi tiddetermina liema mir-reati addebitati lill-imputata huwa l-iktar serju. Filwaqt li l-piena ghall-ewwel akkuza hija dik ta' multa li ma' teccedix l-€1,200 jew sentenza ta' prigunerija li ma' teccedix sena, l-piena ghat-tieni u t-tielet akkuza hija dik ta' multa li ma' tkunx inqas minn €1,800 u/jew sentenza ta' prigunerija li ma' teccedix sitt xhur. Fil-fehma tal-Qorti, ghalkemm l-piena karcerarja massima ghall-htija fuq l-ewwel akkuza hija d-doppju ta' dik ghall-htija fuq it-tieni u t-tielet akkuza, madanakollu huwa r-reat kontemplat fit-tieni u t-tielet akkuza dak l-izjed serju ghaliex fir-rigward ta' dawn, il-multa hija oghla u tista' tkun potenzjalment ferm oghla minn dik fir-rigward tal-ewwel akkuza u ghaliex il-piena karcerarja tista' tigi imposta mill-Qorti flimkien mal-multa (mentri fir-reat kontemplat fl-ewwel akkuza l-Qorti tista' jew timmulta jew tibghat il-habs, imma ma' tistax taghmel it-tnejn). Bejn it-tieni u t-tielet akkuza imbaghad ir-reati huma serji b'mod indaqs u ghalhekk il-Qorti sejra tmur fuq il-piena taht it-tielet akkuza bhala l-piena li fiha jigu assorbiti l-pieni taht l-ewwel zewg akkuzi.

**Decide**

**Wara li rat l-akkużi u l-liġi, ossia Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3), Kap 65 Artiklu 15A (1) u Kap 65 Artiklu 15B (1), issib lill-imputata hati tal-akkuzi migjuba kontriha u filwaqt li tikkundannaha thallas il-multa komplessiva ta' elf u tmien mitt euro (€1,800), tiskwalifikaha milli zzomm il-liċenzja tas-sewqan għal żmien sitt (6) xhur u ai termini tal-Art. 78 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 tordnalha sabiex immedjatament tghaddi l-istess licenzja lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta. Inoltre il-Qorti qeghda ai termini tal- Art. 36B u s-Sitt Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 tal-Ligijiet ta' Malta, timponi penali ta' sitt (6) punti fuq il-licenzja tas-sewqan tal-imputata liema punti għandhom jiġu mniżżla fid-database komputerizzata mill-Awtorità dwar it-Trasport f'Malta.**

Dr. VICTOR GEORGE AXIAK
Maġistrat

Yesenia Maria Pace
Deputat Reġistratur